# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

### IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### LAQGĦA NUMRU 42

2 ta' Diċembru 2021

It-tnejn u erbgħin (42) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 2 ta' Diċembru 2021 fis-6.53pm. Il-laqgħa nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Floriana.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius — Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 42.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

42.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 42.2 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-BORD TAL-GĦAŻLA GĦALL-ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

42.2.1 Is-Sindku DSH nformat lill-Kunsill li hekk kif intemm il-proċess tal-intervisti għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv, is-Segretarju tal-Bord tal-Għażla bagħat id-dokumenti kollha neċessarji lid-Diviżjoni, u l-istess Diviżjoni nnotifikat lis-Segretarju tal-Bord li dan ir-rapport jista' jgħaddi għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

42.2.2 Is-Sindku DSH spjegat li saret l-intervista lill-kandidat wieħed li kien eliġibli minn tliet applikanti, u dan il-kandidat ġab il-punti meħtieġa skont il-kriterji approvati mid-Diviżjoni.

42.2.3 Wara li ngħatat l-informazzjoni neċessarja, u r-rapport tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-kunsilliera biex, tressqet mozzjoni mis-Sindku DSH u ssekondata mill-kunsillier JAE biex dan ir-rapport jiġi approvat, ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 42.3 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

42.3.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2021 fil-5pm.

**Konfermati, illum ____________________________________**

**(iffirmati)**

Davina Sammut Hili
Sindku

**(iffirmati)**

Malcolm Agius
Aġent Segretarju Eżekuttiv